# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 6 ta' Mejju 2018
Il-VI Ħadd tal-Għid
Sena B

**Introduzzjoni**

Il-ferħ tal-Għid tal-Mulej għadna nħossuh tal-lum. F'dan is-Sitt Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex inkomplu nesprimu l-ferħ ta' dan il-misteru hekk kbir. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 10, 25-26.34-35.44-48)

L-imħabba ta' Alla ma tħarisx lejn l-uċuħ.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 97)

Il-Mulej wera l-ġustizzja tiegħu lill-ġnus
*jew*
Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Ġw 4, 7-10)

In-nisrani huwa dak li jilqa' bil-ferħ id-don tal-imħabba ta' Alla u jwieġeb għalih billi jħobb lill-oħrajn bħalma Alla jħobb lilu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 15, 9-17)

L-imħabba ta' Alla dehret fil-milja tagħha fl-għotja ta' Ibnu l-waħdieni.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Aktar ma nwettqu l-ħidmiet tagħna bil-ferħ u bl-imħabba, aktar nersqu qrib lejn Alla. Ejjew f'dan il-mument noffru l-frott ta' dawn il-ħidmiet tagħna għall-glorja ta' Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Meta nirċievu lil Alla fl-Ewkaristija, nersqu aktar qrib tiegħU.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.